Il-Gimgħa 18 ta' Diċembru 2020

P9_TA(2020)0385

Baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2021 – it-taqsimiet kollha

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Diċembru 2020 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar it-tieni abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2021 (13892/2020 – C9-0408/2020 – 2020/0371(BUD))

(2021/C 445/49)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 314 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 106a tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/335/UE, Euratom tas-26 ta' Mejju 2014 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea ([1]),

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni 2014/335/UE, Euratom,

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ([2]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ([3]),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027,

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprja ġodda, inkluż pjan direzzjonali għall-introduzzjoni ta' riżorsi proprja ġodda,

— wara li kkunsidra l-ftehim politiku tal-10 ta' Novembru 2020 dwar il-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027,

— wara li kkunsidra r-rapport speċjali tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC) tat-8 ta' Ottubru 2018 dwar it-Tisħin Globali ta' 1,5 C ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Jannar 2020 dwar il-15-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet (COP15) għall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika ([5]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Ġunju 2020 dwar il-linji gwida ġenerali għat-tħejjija tal-baġit 2021, Taqsima III – Il-Kummissjoni ([6]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Mejju 2020 dwar l-estimi tad-dħul u tal-infiq tal-Parlament Ewropew għas-sena finanzjarja 2021 ([7]),

([1]) ĠU L 168, 7.6.2014, p. 105.
([2]) ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.
([3]) ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.
([4]) https://www.ipcc.ch/sr15/
([5]) Testi adottati, P9_TA(2020)0015.
([6]) Testi adottati, P9_TA(2020)0166.
([7]) Testi adottati, P9_TA(2020)0123.

— wara li kkunsidra l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2021, adottat mill-Kummissjoni fis-27 ta' Lulju 2020 (COM(2020)0300) (l-"ewwel AB"),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni dwar l-abbozz ta' baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2021, adottata mill-Kunsill fit-28 ta' Settembru 2020 u li ntbagħtet lill-Parlament Ewropew fl-1 ta' Ottubru 2020 (11072/1/2020 – C9-0314/2020),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Novembru 2020 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2021 ([8]),

— wara li kkunsidra l-fatt li l-Kumitat ta' Konċiljazzjoni ma laħaqx ftehim dwar test konġunt fi żmien il-wieħed u għoxrin ġurnata msemmija fl-Artikolu 314(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni dwar fehim komuni dwar il-kontenut tal-baġit għall-2021,

— wara li kkunsidra l-abbozz ġdid tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2021, li l-Kummissjoni adottat fl-10 ta' Diċembru 2020 (COM(2020)0836), skont l-Artikolu 314(8) tat-TFUE,

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni dwar it-tieni abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2021, li l-Kunsill adotta fl-14 ta' Diċembru 2020 (13892/2020)– C9-0408/2020),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 94 u 96 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A9-0267/2020),

1. Ifakkar li l-Artikolu 312(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi li l-Baġit annwali tal-Unjoni għandu jirrispetta l-qafas finanzjarju pluriennali; jinnota li l-laqgħa tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni fl-4 ta' Diċembru 2020, ma setax jaqbel dwar test konġunt fi żmien il-perjodu ta' konċiljazzjoni ta' 21 jum previst fl-Artikolu 314(5) tat-TFUE, minħabba n-nuqqas ta' ċarezza fir-rigward tal-qafas finanzjarju pluriennali għall-2021-2027 (QFP) sa tmiem il-perjodu ta' konċiljazzjoni;

2. Ifakkar li l-Kumitat ta' Konċiljazzjoni laħaq ftehim komuni dwar il-kontenut tal-Baġit 2021 abbażi tal-Abbozz ta' Elementi għall-Konklużjonijiet Konġunti Nru 4 kif ippreżentati mill-Kummissjoni fl-4 ta' Diċembru 2020, u stieden lill-Kummissjoni tippreżenta t-tieni abbozz ta' baġit għall-2021 li jirrifletti l-fehim komuni hekk kif ikun hemm biżżejjed assigurazzjonijiet li l-Artikolu 312(1) tat-TFUE jista' jiġi rispettat; jinnota li l-Abbozz ta' Elementi għall-Konklużjonijiet Konġunti Nru 4 jinkludi ħames dikjarazzjonijiet, fosthom l-indirizzar determinat tal-faqar fost it-tfal taħt il-Fond Soċjali Ewropew Plus u l-indirizzar tal-impatt tal-kriżi tal-COVID-19 fuq setturi bħat-turiżmu u l-SMEs, u l-persuni l-aktar milquta;

3. Jinnota li l-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni ġew issodisfati u t-tieni abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni għas-sena finanzjarja 2021 kif ippreżentat mill-Kummissjoni jikkorrispondi għall-fehim komuni; jinnota li l-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn globali fil-Baġit 2021 huwa stabbilit għal EUR 164 251,5 miljun, li jħalli marġni ta' EUR 778,8 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn taħt il-limitu massimu tal-QFP għall-2021;

4. Jilqa' l-fatt li ż-żieda ta' EUR 185 miljun fuq il-livelli tal-ewwel AB kif modifikat permezz tal-Ittra Emendatorja Nru 1/2020 miksuba fin-negozjati ta' konċiljazzjoni tikkorrispondi għall-prijoritajiet politiċi ewlenin tal-Parlament; jinnota li ż-żidiet jinkludu EUR 60,3 miljun għall-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa – Trasport, EUR 42 miljun għal LIFE, EUR 25,7 miljun għall-Programm Ewropa Diġitali, EUR 6,6 miljun għall-Programm dwar id-Drittijiet u l-Valuri, li minnhom EUR 4,8 miljun huma għal Daphne), EUR 2,7 miljun għall-programm Ġustizzja, EUR 25 miljun għall-Għajnuna Umanitarja bħala parti mir-rinforz ta' EUR 500 miljun għall-perjodu mill-2021 sal-2021 kif maqbul fil-kuntest tal-QFP, EUR 10,2 miljun għall-UNRWA taħt l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI) u EUR 7,3 miljun għall-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew prinċipalment għar-rinforzi tal-persunal; jinnota wkoll li l-Ittra Emendatorja Nru 1/2020 kienet diġà inkorporat żidiet għall-programmi Orizzont Ewropa, Erasmus+ u EU4Health biex jirriflettu l-eżitu tan-negozjati tal-QFP;

5. Jinnota li l-livell ta' approprjazzjonijiet ta' pagament globali fil-Baġit 2021 huwa stabbilit għal EUR 166 060,5 miljun, li jħalli marġni ta' EUR 2 001,4 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament taħt il-limitu massimu tal-QFP għall-2021; jilqa' l-fatt li l-livell ta' approprjazzjonijiet ta' pagament globali maqbula għall-2021 jirrappreżenta żieda ta' 1,2 % meta mqabbel mal-Baġit 2020; jissottolinja l-importanza tad-dikjarazzjoni konġunta dwar l-approprjazzjonijiet ta' pagament li fiha l-Parlament u l-Kunsill jimpenjaw ruħhom li jieħdu d-deċiżjonijiet neċessarji, fi żmien xieraq, biex ikopru kwalunkwe ħtieġa ġġustifikata;

([8]) Testi adottati, P9_TA(2020)0302.

Il-Gimgħa 18 ta' Diċembru 2020

6. Jilqa' l-fatt li, bi qbil mal-Artikolu 15(3) tar-Regolament Finanzjarju u d-dikjarazzjoni konġunta dwar l-implimentazzjoni tal-paragrafu maqbul bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni qabel, għall-ewwel darba, li EUR 20 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn jerġgħu jsiru disponibbli fil-linji baġitarji tar-riċerka; jinsisti fuq l-implimentazzjoni sħiħa tal-Artikolu 15(3) tar-Regolament Finanzjarju fil-QFP sabiex jintlaħqu l-EUR 500 miljun maqbula;

7. Ifakkar li l-Kumitat ta' Konċiljazzjoni għamilha ċara li t-tnaqqis ta' EUR 61 miljun għall-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex) fl-2021 ma jaffettwax iż-żieda globali ta' EUR 500 miljun (fi prezzijiet tal-2018) maqbula politikament fil-kuntest tan-negozjati tal-QFP, u li t-tnaqqis se jiġi kkumpensat fis-snin ta' wara f'konformità mal-ftehim dwar il-QFP;

8. Jilqa' l-fatt li l-Parlament irnexxielu jiddefendi nomenklatura baġitarja aktar differenzjata meta mqabbla ma' dik proposta mill-Kummissjoni fl-ewwel AB, partikolarment fir-rigward tal-NDICI, Erasmus+, il-programm dwar id-Drittijiet u l-Valuri u d-djalogu soċjali; jemmen li dawk il-modifiki se jippermettu lill-Parlament u lill-Kunsill jeżerċitaw aħjar ir-rwol tagħhom ta' teħid tad-deċiżjonijiet fil-proċedura baġitarja annwali kif ukoll l-iskrutinju tagħhom fuq l-implimentazzjoni tal-baġit; jiddispjaċih madankollu li, matul il-konċiljazzjoni, il-Kunsill u l-Kummissjoni ma setgħux jaqblu dwar nomenklatura aktar dettaljata kif propost mill-Parlament, b'mod partikolari għall-Fond għall-Migrazzjoni u l-Asil u l-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u tal-Viżi, kif ukoll għall-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni u għal aktar differenzjazzjoni għall-NDICI, b'mod partikolari l-fergħa tal-Viċinat;

9. Jinnota li l-livell ta' approprjazzjonijiet globali fil-Baġit 2021 għall-Parlament huwa stabbilit għal EUR 2 063 miljun;

10. Jilqa' l-ħolqien ta' total ta' 75 post u ż-żieda korrispondenti fl-approprjazzjonijiet għall-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE), il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni (KtR), l-Ombudsman Ewropew u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) biex jiġi żgurat li jkollhom biżżejjed riżorsi u persunal biex ikunu jistgħu jwettqu l-missjonijiet tagħhom bl-aħjar mod possibbli kif ukoll biex jiffunzjonaw b'mod ottimu;

11. Jilqa' t-tisħiħ ta' EUR 590 854 għall-KESE dwar il-linja baġitarja għall-Interpretazzjoni u t-tisħiħ ta' EUR 564 796 għall-KtR fuq il-linji baġitarji Materjal u l-installazzjonijiet tekniċi, u Attivitajiet ta' komunikazzjoni tal-Partijiet terzi u tal-gruppi Politiċi;

12. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni biex jiżdiedu l-approprjazzjonijiet għas-SEAE fil-Baġit 2021 minħabba responsabbiltajiet ġodda fil-governanza tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi u għal operazzjonalità mtejba tas-servizzi konsulari; jilqa' t-trasferiment newtrali għall-baġit tal-persunal tal-Kummissjoni mit-taqsimiet amministrattivi tad-delegazzjonijiet tal-Unjoni għas-SEAE sabiex jiġu ssimplifikati u razzjonalizzati ċ-ċirkwiti amministrattivi u finanzjarji u tkun tista' ssir il-ġestjoni effiċjenti u awtonoma tal-persunal; jilqa' t-tisħiħ ta' EUR 1 miljun għall-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni dwar il-linja baġitarja tal-Kapaċità ta' Komunikazzjoni Strateġika;

13. Jaqbel li t-tnaqqis ta' 10 % fil-linji ddedikati għall-missjonijiet huwa ġustifikat fid-dawl tal-kriżi tas-saħħa u ekonomika li qed tirriżulta mit-tifqigħa tal-COVID-19;

14. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar it-tieni abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2021 kif ukoll id-dikjarazzjonijiet konġunti annessi ma' din ir-riżoluzzjoni;

15. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiddikjara li l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2021 ġie adottat b'mod definittiv u biex jiżgura li jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

16. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-istituzzjonijiet l-oħra u lill-entitajiet ikkonċernati, u lill-parlamenti nazzjonali.

Il-Gimgħa 18 ta' Diċembru 2020

ANNESS: DIKJARAZZJONI MILL-KUMITAT TA' KONĊILJAZZJONI

1. Il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni msemmi fl-Artikolu 314(5) tat-TFUE, li ltaqa' fl-4 ta' Diċembru 2020, eżamina l-proposta tal-Kummissjoni għall-abbozz ta' baġit ġenerali għall-2021 (COM(2020)0300) u l-Ittra Emendatorja Nru 1 għall-abbozz ta' baġit ġenerali għall-2021 (COM(2020)0748).

2. F'dik il-laqgħa, il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni laħaq fehim komuni dwar il-kontenut tal-baġit 2021, ibbażat fuq l-Abbozz ta' Elementi għall-Konklużjonijiet Konġunti Nru 4 kif ippreżentat mill-Kummissjoni fl-4 ta' Diċembru 2020.

3. Filwaqt li jfakkar fl-Artikolu 312(1) tat-TFUE, skont liema artikolu "Il-baġit annwali tal-Unjoni għandu jirrispetta l-qafas finanzjarju pluriennali", il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni, fid-dawl taċ-ċirkostanzi fir-rigward tal-qafas finanzjarju pluriennali għall-2021-2027, mhuwiex f'pożizzjoni li jaqbel dwar test konġunt fil-perjodu ta' konċiljazzjoni ta' 21 jum, kif previst fl-Artikolu 314(5) tat-TFUE.

4. Il-Kummissjoni għalhekk ġiet mistiedna tippreżenta abbozz ta' baġit ġdid għall-2021, f'konformità mal-Artikolu 314(8) tat-TFUE, b'kunsiderazzjoni xierqa tal-fehim komuni milħuq fil-Kumitat ta' Konċiljazzjoni, hekk kif kien hemm biżżejjed assigurazzjonijiet li seta' jkun hemm konformità mal-Artikolu 312(1) TFUE, sabiex il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu jistgħu jipproċessaw malajr tali abbozz ta' baġit ġdid għall-2021 fuq dik il-bażi.

Il-Gimgħa 18 ta' Diċembru 2020

ANNESS: Baġit 2021 – Elementi għall-konklużjonijiet konġunti

Dawn il-konklużjonijiet konġunti jkopru t-taqsimiet li ġejjin:

1. Baġit 2021

2. Baġit 2020 – Abbozz ta' Baġit Emendatorju Nru 10/2020

3. Dikjarazzjonijiet

Ħarsa ġenerali

A. **Baġit 2021**

Skont l-elementi għall-konklużjonijiet konġunti:

— Il-livell ġenerali ta' approprjazzjonijiet ta' impenn fil-baġit tal-2021 huwa stabbilit għall-ammont ta' EUR 164 251,5 miljun. Globalment, dan ifisser marġni taħt il-limiti massimi tal-QFP għall-2021 ta' EUR 778,8 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn.

— Il-livell kumplessiv ta' approprjazzjonijiet ta' pagament fil-baġit tal-2021 huwa stabbilit għall-ammont ta' EUR 166 060,5 miljun. Globalment, dan ifisser marġni taħt il-limiti massimi tal-QFP għall-2021 ta' EUR 2 001,4 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament.

— L-Istrument ta' Flessibbiltà għall-2021 huwa mobilizzat f'approprjazzjonijiet ta' impenn għall-ammont ta' EUR 76,4 miljun għall-Intestatura 2b *Reżiljenza u Valuri*.

L-approprjazzjonijiet ta' pagament għall-2021 relatati mal-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibbiltà fl-2018, fl-2019, fl-2020 u fl-2021 huma stmati mill-Kummissjoni li jammontaw għal EUR 628,5 miljun. L-iskeda ta' pagamenti stmati tal-ammonti pendenti relatati għal dawn is-snin hija dettaljata fit-tabella li ġejja:

Strument ta' flessibbiltà – profil ta' pagament

Sena ta' mobilizzazzjoni	2 021	2 022	2 023	2 024	**Total**
2018	34,2	0,0	0,0	0,0	**34,2**
2019	135,2	140,9	82,2	0,0	**358,4**
2020	413,7	66,2	39,9	0,0	**519,8**
2021	45,4	13,0	10,3	7,6	**76,4**
Total	**628,5**	**220,1**	**132,5**	**7,6**	**988,7**

B. **Baġit 2020**

L-Abbozz ta' Baġit Emendatorju Nru 10/2020 huwa approvat kif propost mill-Kummissjoni

1. **Baġit 2021**

1.1. **Linji "magħluqa"**

Sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor hawn taħt f'dawn il-konklużjonijiet, il-linji baġitarji kollha mhux emendati la mill-Kunsill u lanqas mill-Parlament, u dawk li għalihom il-Parlament aċċetta l-emendi tal-Kunsill matul il-qari rispettiv tagħhom, huma kkonfermati kif propost fil-proposta tal-Kummissjoni għal abbozz ta' baġit għall-2021 kif emendat fl-Ittra Emendatorja Nru 1/2021.

Għal-linji baġitarji l-oħra, il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni qabel dwar il-konklużjonijiet inklużi fit-taqsimiet 1.2 sa 1.7 ta' hawn taħt.

1.2. **Kwistjonijiet orizzontali**

Aġenziji deċentralizzati

Il-kontribuzzjoni tal-UE (f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament u l-għadd ta' postijiet) għall-aġenziji deċentralizzati kollha huma stabbiliti fil-livell propost mill-Kummissjoni fl-Ittra Emendatorja Nru 1/2021 bl-eċċezzjoni ta':

— Taħt l-intestatura 2b:

— L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA, artikolu tal-baġit 07 10 04) li għaliha huwa propost li l-livell ta' approprjazzjonijiet ta' pagament jiżdied b'EUR 638 178.

— L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE, artikolu tal-baġit 07 10 05) li għalih huwa propost li l-livell ta' approprjazzjonijiet ta' pagament jiżdied b'EUR 971 628.

— L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust, artikolu tal-baġit 07 10 07) li għaliha l-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament jiżdied b'EUR 500 000.

— L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE, artikolu tal-baġit 07 10 08) li għalih huma allokati 8 postijiet addizzjonali (li jirrappreżentaw antiċipazzjoni taż-żieda prevista fl-2022) u l-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament jiżdied b'EUR 7 252 790.

— Taħt l-Intestatura 4:

— L-Aġenzija tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex, artikolu tal-baġit 11 10 01) li għaliha huwa propost li l-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament jiżdied b'EUR 61 000 000.

— L-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja ("eu-LISA", l-Artikolu 11 10 02 tal-baġit) li għaliha l-livell tal-approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament jiżdied b'EUR 500 000.

Aġenziji Eżekuttivi

Il-kontribuzzjoni tal-UE (f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament u l-għadd ta' postijiet) għall-aġenziji eżekuttivi hija stabbilita fil-livell propost mill-Kummissjoni fl-Abbozz ta' Baġit, kif emendat mill-Ittra Emendatorja Nru 1/2021.

Il-Kummissjoni se tippreżenta Abbozz ta' Baġit Emendatorju fl-2021 sabiex taġġusta l-istruttura u l-approprjazzjonijiet għas-sett il-ġdid ta' aġenziji eżekuttivi ladarba dawn jiġu stabbiliti formalment. Id-Deċiżjoni ta' implimentazzjoni korrispondenti tal-Kummissjoni li tistabbilixxi l-aġenziji eżekuttivi l-ġodda u d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li jiddelegawlhom is-setgħat huma mistennija li jiġu adottati kmieni fl-2021.

Proġetti Pilota/Azzjonijiet Preparatorji

Ġie maqbul pakkett globali ta' 59 proġett pilota/azzjoni preparatorja (PP/AP), għall-ammont totali ta' EUR 71,8 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn, kif propost mill-Parlament.

Meta proġett pilota jew azzjoni preparatorja tidher li hi koperta b'bażi legali eżistenti, il-Kummissjoni tista' tipproponi t-trasferiment ta' approprjazzjonijiet għal-linja baġitarja korrispondenti biex tiffaċilita l-implimentazzjoni tal-azzjoni.

Dan il-pakkett jirrispetta bis-sħiħ il-limiti massimi għall-proġetti pilota u għall-azzjonijiet preparatorji previsti fir-Regolament Finanzjarju.

1.3. **Intestaturi tan-nefqa tal-qafas finanzjarju – approprjazzjonijiet ta' impenn**

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet imsemmija hawn fuq dwar il-linji baġitarji "magħluqa", l-aġenziji u l-proġetti pilota u l-azzjonijiet preparatorji, il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni wasal għal ftehim fir-rigward ta' dan li ġej:

Il-Gimgħa 18 ta' Diċembru 2020

Intestatura 1 – Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali

L-approprjazzjonijiet ta' impenn huma stabbiliti fil-livell propost mill-Kummissjoni fl-Abbozz ta' Baġit, kif emendat mill-Ittra Emendatorja Nru 1/2021 iżda bl-aġġustamenti, maqbula mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni, kif dettaljati fit-tabella ta' hawn taħt:

Linja baġitarja/ Programm	Isem	Varjazzjoni fl-approprjazzjonijiet ta' impenn (f'EUR)		
		AB 2021 (inkl. IE1)	Baġit 2021	Differenza
1.0.221	FNE Trasport	1 725 058 000	1 785 393 458	60 335 458
02 03 01	Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) — Trasport	1 711 996 420	1 772 331 878	60 335 458
1.0.23	Programm Ewropa Diġitali	1 103 848 000	1 129 576 962	25 728 962
02 04 03	Intelliġenza Artifiċjali	293 895 160	318 323 274	24 428 114
02 04 04	Ħiliet	82 290 594	83 591 442	1 300 848
PP/AP	Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji			35 965 000
	Total			**122 029 420**

B'konsegwenza ta' dan, il-livell tal-approprjazzjonijiet ta' impenn huwa stabbilit għal EUR 20 816,6 miljun, li jħalli marġni ta' EUR 102,4 miljun taħt il-limitu massimu tan-nefqa tal-intestatura 1.

F'konformità mal-Artikolu 15.3 tar-Regolament Finanzjarju ([1]), il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni jaqbel li l-approprjazzjonijiet ta' impenn jerġgħu jsiru disponibbli fuq il-linji baġitarji għar-riċerka għal total ta' EUR 20 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn. Il-linji baġitarji li ġejjin huma msaħħa kif ġej:

(f'Eur)

Linji baġitarji		Approprjazzjonijiet ta' impenn
01 02 02 10	Cluster Saħħa	3 400 000
01 02 02 40	Cluster Diġitali, Industrija u Spazju	3 400 000
01 02 02 50	Cluster Klima, enerġija u Mobbiltà	6 600 000
01 02 02 60	Cluster Ikel, Bijoekonomija, Riżorsi Naturali, Agrikoltura u Ambjent	6 600 000
Total		**20 000 000**

Il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni jaqbel ukoll li dawn l-approprjazzjonijiet huma parti mill-ammont globali sa EUR 0,5 biljun (fi prezzijiet tal-2018) għall-perjodu 2021-2027 miżmuma fid-"Dikjarazzjoni konġunta" maqbula fl-10 ta' Novembru 2020. Dan iħalli sa EUR 481,2 miljun fi prezzijiet tal-2018 disponibbli għall-perjodu 2022-2027.

Intestatura 2a – Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali

L-approprjazzjonijiet ta' impenn huma stabbiliti fil-livell propost mill-Kummissjoni fl-abbozz ta' baġit, kif emendat bl-Ittra Emendatorja Nru 1/2021.

([1]) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

Il-Gimgħa 18 ta' Diċembru 2020

Intestatura 2b – Reżiljenza u Valuri

L-approprjazzjonijiet ta' impenn huma stabbiliti fil-livell propost mill-Kummissjoni fl-Abbozz ta' Baġit, kif emendat mill-Ittra Emendatorja Nru 1/2021 iżda bl-aġġustamenti maqbula mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni, kif dettaljati fit-tabella ta' hawn taħt:

B'mod partikolari l-Kumitat ta' Konċiljazzjoni jaqbel li – fid-dawl tal-ambjent attwali tar-rata tal-imgħax u s-suċċess tal-operazzjonijiet ta' finanzjament reċenti SURE – l-approprjazzjonijiet għal-linja baġitarja 06 04 01 jistgħu jitnaqqsu b'EUR 71,9 miljun filwaqt li tiġi ppreservata bis-sħiħ il-kapaċità li jiġi ffinanzjat il-komponent mhux ripagabbli tal-NGEU fl-2021.

Linja baġitarja/ Programm	Isem	Varjazzjoni fl-approprjazzjonijiet ta' impenn (f'EUR)		
		AB 2021 (inkl. IE1)	Baġit 2021	Differenza
2.2.23	Il-kost ta' finanzjament tal-Istrument ta-l-Unjoni Ewropea għall-Irkupru (EURI)	111 461 000	39 591 000	- 71 870 000
06 04 01	Strument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru (EURI) – Il-ħlas ta kupun perjodiku u t-tif-dija meta jagħlaq	106 461 000	34 591 000	- 71 870 000
07 03 01	Il-promozzjoni tal-mobbiltà għat-tagħlim tal-individwi, kif ukoll il-kooperazzjoni, l-inklużjoni, l-eċċellenza, il-kreattività u l-innovazzjoni fil-livell ta' organizzazz-jonijiet u politiki fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ	2 298 294 584	0	- 2 298 294 584
07 03 01 01	Il-promozzjoni tal-mobbiltà għat-tagħlim tal-individwi, kif ukoll il-kooperazzjoni, l-inklużjoni, l-eċċellenza, il-kreattività u l-innovazzjoni fil-livell ta' organizzazz-jonijiet u politiki fil-qasam tal-edukazzjoni u tat-taħriġ – Ġestjoni indiretta	0	1 755 470 446	1 755 470 446
07 03 01 02	Il-promozzjoni tal-mobbiltà għat-tagħlim tal-individwi, kif ukoll il-kooperazzjoni, l-inklużjoni, l-eċċellenza, il-kreattività u l-innovazzjoni fil-livell ta' organizzazz-jonijiet u politiki fil-qasam tal-edukazzjoni u tat-taħriġ – Ġestjoni diretta	0	542 824 138	542 824 138
2.2.351	Ġustizzja	43 696 000	46 392 538	2 696 538
07 07 01	Il-promozzjoni tal-kooperazzjoni ġudiz-zjarja	10 646 000	11 319 945	673 945
07 07 02	Appoġġ lit-taħriġ ġudizzjarju	17 570 000	18 682 268	1 112 268
07 07 03	Il-promozzjoni ta' aċċess effettiv għall-ġus-tizzja	14 380 000	15 290 325	910 325
2.2.352	Drittijiet u Valuri	90 624 000	97 179 152	6 555 152

Il-Gimgħa 18 ta' Diċembru 2020

Linja baġitarja/ Programm	Isem	Varjazzjoni fl-approprjazzjonijiet ta' impenn (f'EUR)		
		AB 2021 (inkl. IE1)	Baġit 2021	Differenza
07 06 02	Il-promozzjoni tal-involviment u tal-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-ħajja demokratika tal-Unjoni	34 938 000	36 238 848	1 300 848
07 06 03	Daphne	15 690 000	20 444 304	4 754 304
07 06 04	Il-protezzjoni u l-promozzjoni tal-valuri tal-Unjoni	0	500 000	500 000
2.2.3 DAG	Aġenziji Deċentralizzati	211 135 699	220 498 295	9 362 596
07 10 04	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA)	23 111 517	23 749 695	638 178
07 10 05	Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE)	7 955 000	8 926 628	971 628
07 10 07	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust)	42 345 006	42 845 006	500 000
07 10 08	L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE)	37 700 000	44 952 790	7 252 790
07 20 04 06	Kompetenzi speċifiċi fil-qasam tal-politika soċjali, inkluż id-djalogu soċjali	49 380 381	28 326 381	- 21 054 000
07 20 04 09	Miżuri ta' tagħrif u taħriġ għall-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema	0	21 054 000	21 054 000
PP/AP	Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji			31 870 000
	Total			**- 21 385 714**

B'konsegwenza ta' dan, il-livell maqbul ta' approprjazzjonijiet ta' impenn huwa stabbilit għal EUR 4 671,4 miljun, mingħajr ma fadal marġni taħt il-limitu massimu tan-nefqa tal-intestatura 2b u l-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibbiltà għall-ammont ta' EUR 76,4 miljun.

Intestatura 3 – Riżorsi Naturali u Ambjent

L-approprjazzjonijiet ta' impenn huma stabbiliti fil-livell propost mill-Kummissjoni fl-Abbozz ta' Baġit, kif emendat mill-Ittra Emendatorja Nru 1/2021 iżda bl-aġġustamenti, maqbula mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni, kif dettaljati fit-tabella ta' hawn taħt:

Linja baġitarja/ Programm	Isem	Varjazzjoni fl-approprjazzjonijiet ta' impenn (f'EUR)		
		AB 2021 (inkl. IE1)	Baġit 2021	Differenza
3.2.21	Il-Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE)	696 491 000	738 505 372	42 014 372
09 02 01	Natura u bijodiversità	258 642 156	274 720 400	16 078 244

Linja baġitarja/ Programm	Isem	Varjazzjoni fl-approprjazzjonijiet ta' impenn (f'EUR)		
		AB 2021 (inkl. IE1)	Baġit 2021	Differenza
09 02 02	Ekonomija ċirkolari u kwalità tal-ħajja	168 461 328	178 933 566	10 472 238
09 02 03	Mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u adattament għalih	121 426 944	128 975 334	7 548 390
09 02 04	Tranżizzjoni lejn enerġija nadifa	127 332 437	135 247 937	7 915 500
PP/AP	Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji			3 740 000
	Total			**45 754 372**

B'konsegwenza ta' dan, il-livell maqbul ta' approprjazzjonijiet ta' impenn huwa stabbilit għal EUR 58 568,6 miljun, li jħalli marġni ta' EUR 55,4 miljun taħt il-limitu massimu tan-nefqa tal-intestatura.

Intestatura 4 – Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri

L-approprjazzjonijiet ta' impenn huma stabbiliti fil-livell propost mill-Kummissjoni fl-Abbozz ta' Baġit, kif emendat mill-Ittra Emendatorja Nru 1/2021 iżda bl-aġġustamenti, maqbula mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni, kif dettaljati fit-tabella ta' hawn taħt:

Linja baġitarja/ Programm	Isem	Varjazzjoni fl-approprjazzjonijiet ta' impenn (f'EUR)		
		AB 2021 (inkl. IE1)	Baġit 2021	Differenza
4.0.2 DAG	Aġenziji Deċentralizzati	794 770 045	734 270 045	- 60 500 000
11 10 01	Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex)	566 949 620	505 949 620	- 61 000 000
11 10 02	Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja ("eu-LISA")	227 820 425	228 320 425	500 000
	Total			**- 60 500 000**

Wara l-ftehim politiku reċenti tal-10 ta' Novembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar il-QFP 2021-2027 u sa meta jiġu approvati t-testi rilevanti, il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni jaqbel li t-tnaqqis għall-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex) fl-2021 ma jaffettwax iż-żieda globali ta' EUR 0,5 biljun (fi prezzijiet tal-2018) maqbula politikament f'dak il-kuntest. Apparti din iż-żieda, it-tnaqqis propost fl-2021 se jiġi kkumpensat fis-snin ta' wara f'konformità mal-ftehim dwar il-QFP, filwaqt li jiġu rispettati l-prinċipji tal-ġestjoni finanzjarja tajba.

B'konsegwenza ta' dan, il-livell maqbul ta' approprjazzjonijiet ta' impenn huwa stabbilit għal EUR 2 278,8 miljun, li jħalli marġni ta' EUR 188,2 miljun taħt il-limitu massimu tan-nefqa tal-intestatura.

Intestatura 5 – Sigurtà u Difiża

L-approprjazzjonijiet ta' impenn huma stabbiliti fil-livell propost mill-Kummissjoni fl-Abbozz tal-Baġit, kif emendat bl-Ittra Emendatorja Nru 1/2021.

Il-Gimgħa 18 ta' Diċembru 2020

Intestatura 6 – Il-Viċinat u d-Dinja

L-approprjazzjonijiet ta' impenn huma stabbiliti fil-livell propost mill-Kummissjoni fl-Abbozz ta' Baġit, kif emendat mill-Ittra Emendatorja Nru 1/2021 iżda bl-aġġustamenti, maqbula mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni, kif dettaljati fit-tabella ta' hawn taħt:

Linja baġitarja/ Programm	Isem	Varjazzjoni fl-approprjazzjonijiet ta' impenn (f'EUR)		
		AB 2021 (inkl. IE1)	Baġit 2021	Differenza
6.0.111	Strument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI)	12 060 779 767	12 070 958 148	10 178 381
15 02 01 10	Viċinat tan-Nofsinhar	1 460 009 385	1 470 187 766	10 178 381
6.0.12	Għajnuna Umanitarja (HUMA)	1 478 000 000	1 503 000 000	25 000 000
15 03 01	Għajnuna Umanitarja	1 391 512 450	1 416 512 450	25 000 000
6.0.1 SPEC	Prerogattivi	91 394 973	93 023 514	1 628 541
15 20 04 03	Politika ta' informazzjoni u komunikazzjoni strateġika għall-azzjoni esterna	41 756 023	43 384 564	1 628 541
PP/AP	Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji			175 000
	Total			**36 981 922**

Wara l-ftehim politiku reċenti tal-10 ta' Novembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar il-QFP 2021-2027 u sa meta jiġu approvati t-testi rilevanti, il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni jaqbel li t-tisħiħ tal-Għajnuna Umanitarja jifforma parti miż-żieda globali ta' EUR 0,5 biljun (fi prezzijiet tal-2018) maqbula politikament f'dak il-kuntest.

B'konsegwenza ta' dan, il-livell maqbul ta' approprjazzjonijiet ta' impenn huwa stabbilit għal EUR 16 097,2 miljun, li jħalli marġni ta' EUR 149,8 miljun taħt il-limitu massimu tan-nefqa tal-intestatura.

Intestatura 7 – Amministrazzjoni Pubblika Ewropea

L-għadd ta' postijiet fit-tabella tal-persunal tal-istituzzjonijiet u l-approprjazzjonijiet proposti mill-Kummissjoni fl-Abbozz tal-Baġit, kif emendat bl-Ittra Emendatorja Nru 1/2021 huma maqbula mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni bl-eċċezzjonijiet li ġejjin:

— It-Taqsima tal-Parlament Ewropew li għaliha l-qari tagħha huwa approvat u aġġustat ulterjorment biex jinkludi (i) l-impatt tal-aġġornament rivedut tas-salarji skont l-Ittra Emendatorja Nru 1/2021 u (ii) it-trasferiment ta' żewġ postijiet ta' stabbiliment mill-Parlament Ewropew (PE) lill-Kummissjoni Ewropea bil-ħsieb li jiġu appoġġati l-operazzjonijiet tas-CERT-UE skont l-Ittra Emendatorja Nru 1/2021;

— It-taqsima tal-Kunsill, li għaliha l-qari tagħha huwa approvat u aġġustat ulterjorment biex jinkludi l-impatt tal-aġġornament rivedut tas-salarji skont l-Ittra Emendatorja Nru 1/2021;

— It-taqsima tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) li għaliha hemm qbil dwar aġġornament tekniku wara l-modifika tat-tabelli tal-persunal wara r-rikors għall-Artikolu 53(1) tar-Regolament Finanzjarju. Din l-operazzjoni involviet il-konverżjoni ta' post wieħed permanenti AST11, post wieħed AST8, post wieħed permanenti AST7, żewġ postijiet permanenti AST5, post wieħed permanenti AST4 u post wieħed temporanju AST/SC3 fi tliet postijiet permanenti AD7 u erba' postijiet permanenti AD5 rispettivament bl-ebda impatt fuq il-livell ta' approprjazzjonijiet.

— It-taqsima tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) li għaliha l-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament qed jiżdied b'EUR 590 854.

— It-taqsima tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni (KtR) li għaliha l-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament qed jiżdied b'EUR 564 796.

— It-taqsima tal-Kontrollur Ewropew tal-Protezzjoni tad-Data (EDPS) li għaliha hemm qbil dwar aġġornament tekniku wara l-modifika tat-tabelli tal-persunal wara r-rikors għall-Artikolu 53(1) tar-Regolament Finanzjarju. Din l-operazzjoni involviet il-konverżjoni ta' post wieħed permanenti AST5 f'post wieħed permanenti AST/SC6 mingħajr ebda impatt fuq il-livell ta' approprjazzjonijiet.

— It-taqsima tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) li għaliha l-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament qed jiżdied b'EUR 1,0 miljun għall-"Kapaċità ta' Komunikazzjoni Strateġika";

Barra minn hekk bħala konsegwenza tal-pandemija tal-COVID-19, il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni jaqbel, fuq bażi eċċezzjonali, li jnaqqas b'10 % l-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament relatati mal-missjonijiet tal-istituzzjonijiet kollha ħlief il-Parlament Ewropew.

L-aġġustamenti kombinati, li jirriżultaw fi tnaqqis globali ta' EUR 8,8 miljun tal-intestatura 7, huma spjegati fid-dettall skont it-taqsima fit-tabelli li ġejjin:

Taqsima 1 – Il-Parlament Ewropew

Programm / Linja baġitarja	**Isem**	**Varjazzjoni fl-approprjazzjonijiet ta' impenn (f'EUR)**		
		AB 2021 (inkl. IE1)	**Baġit 2021**	**Differenza**
1 4 0 0	Persunal ieħor — Segretarjat Ġenerali u gruppi politiċi	63 837 727	65 039 727	1 202 000
1 4 0 1	Persunal ieħor — Sigurtà	38 084 545	34 584 545	- 3 500 000
2 0 0 0	Kirjiet	26 301 000	27 301 000	1 000 000
2 0 2 6	Sigurtà u sorveljanza tal-bini	16 030 000	19 530 000	3 500 000
